MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1519/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Zanzara Company Limited (C-34881)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas hamses mija, tlieta u sittin ewro, u wiehed u disghin centezmu (€563.91) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1017106 in rigward servizz telefoniku cellulari u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis- 6 ta' Dicembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas milli jidher jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------